MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2013

Numru 697/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Matthew Piscopo**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Matthew Piscopo ta' 38 sena, bin John u Antonia xebba Spiteri imwieled Pieta` nhar id-9 ta' Dicembru 1974, residenti 92, Triq Macerata, Floriana u detentur tal-karta tal-identita` numru 68675(M)

Akkuzat talli flimkien ma' persuna ohra, nhar il-25 ta' Lulju 2013, ghall-habta tal-5.30 ta' filghodu, gewwa l-Floriana:

(i) Ikkommetta serq ta' ghodda ta' ditta mhux maghrufa ta' valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-dannu ta' Clint Galea u/jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur;

(ii) Ikkommetta serq ta' diversi ghodod, ta' valur aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), minn gewwa vettura ELC 058, ghad-dannu ta' Environmental Landscaptes Consortium Ltd u/jew persuni ohra, liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, wara li nghata zmien xieraq biex iwiegeb;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif registrata fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2013, meta sar l-ezami tal-imputat ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni tal-imputat ghaz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u li ghalkemm dan m'ghamlux mill-ewwel, fil-jum ta' wara li fih ikkommetta r-reat, huwa kkopera mal-pulizija. Il-Qorti qieset ukoll illi r-res furtiva giet ritornata lis-sidien taghha fl-intier taghha. In oltre jidher illi l-imputat ghandu vizzju serju ta' droga u illi huwa jixtieq jinghata l-ghajnuna u l-kura mehtiega sabiex jeghleb dan il-vizzju. Fil-fatt il-Qorti qieset ukoll illi kemm id-difiza, kif ukoll il-prosekuzzjoni ssuggerew illi l-imputat ghandu jinghata piena karcerarja effettiva, b'dan illi huwa jinghata kemm jista' jkun malajr l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn sabiex jirrijabilita ruhu minn dan il-vizzju.

Il-Qorti qieset ukoll in-natura tar-reati addebitati lill-imputat u l-fedina penali tieghu li tinkludi sejbien ta' htija dwar pussess illegali ta' droga, kif ukoll kundanna dwar reati li ghalihom l-imputat inghata *inter alia* sentenza ta' hdax-il xahar prigunerija effettiva.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat l-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi qieset ir-reat fit-tieni imputazzjoni bhala l-izjed gravi u ziedet, mal-piena ghal dak ir-reat, terz taz-zmien tal-piena ghar-reat fl-ewwel imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b), 20, 261, 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta' **tnax-il (12) xahar prigunerija effettiva** – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom.

Il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hati jinzamm fil-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli u dan minhabba problemi medici serji ta' epilessija li huwa jbati minnhom, illi jitqieghed f'post fejn ikun jista' jigi kontinwament

sorveljat mill-gwardjani tal-habs u dan sabiex jigi assigurat illi l-hati jinghata kura immedjata u minghajr ebda dewmien ghall-kundizzjoni medika tieghu, hekk kif u meta jkun hemm bzonn.

In oltre, il-Qorti tirrileva illi huwa wkoll importanti illi l-hati jinghata kemm jista' jkun malajr u minghajr dewmien, l-opportunita` li jidhol fi programm ghar-rijabilitazzjoni tieghu mill-vizzju tad-droga u li sakemm dan isehh, huwa ghandu jinghata l-attenzjoni u l-ghajnuna kollha necessarja, sabiex jibda fit-triq tar-rijabilitazzjoni tieghu.

Il-Qorti qed tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------